MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2010

Numru. 349/2010

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Lucky Igbinovia, iben Igbinovia, imwieled fil-Guinea fl-1 ta' Jannar, 1977, Numru tal-Pulizija 08OOO-32

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-9 ta' April, 2010, kif ukoll fix-xhur ta' qabel, fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, u dan bi ksur ta' l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali;
2. talli fl-istess ċirkostanżi, f'Malta, ta jew ġġagħal jagħti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal ta' l-Immigrazzjoni, u dan bi ksur ta' l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ts-seduta tal-10 ta’ April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqtant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta.  Ikkunsidrat, dwar il-piena.  Illi dan hu każ pjetuz, billi mart l-imputat tgħix regolarment l-Italja u hu pprova jmur hemm biex jingħaqad magħha.  Jirrizulta li kieku nforma l-awtoritajiet b’dan il-fatt, il-konġunġiment familjari kien ikun possibbli mingħajr problemi żejda.  Hu kkopera mal-pulizija u fiċ-ċirkostanżi partikolari ta’ dan il-każ piena karċerarja effettiva hi barra minn lokha.  Għalhekk tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------